KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

MINUTI
Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
Tmien LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 40** **Tlieta 23 ta' Novembru 2021**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Romilda Baldacchino Zarb – Sindku
Christopher Grech – Viċi-Sindku
Keith Cassar- Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
Rachel Abela - Kunsillier
Shirley Abela - Kunsillier
Aiken Zerafa – Kunsillier
Maria Pia Bonnici - Kunsillier
Mario Victor Camilleri – Kunsillier
Danny Farrugia – Kunsillier
Mikhail Micallef - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Joseph Gatt- Kunsillier

**ASSENTI**
Angele Rapa - Kunsillier

**MISTEDNIEN**
Clifford Galea Vella Maslennikov – President elett Reġjun Tramuntana
Perit Johanna Portelli u l-Perit Giorgia Favata - Wasteserv

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Lorraine Templeman - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Romilda B. Zarb ippresediet l-laqgħa.

**40.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat u qrat l-ittra ta' apoloġija, tal-Kunsillier Joseph Gatt. Filwaqt li l-Kunsilliera R. Abela nfurmatna li ħa tasal ftit tard għal-laqgħa Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-ittri ta' apoloġija.

**40.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 38**
**REF: 35.3.1 Kommunikazzjoni – Cloud PABX**

Is-Sindku nfurmat li ffirmat l-ittra t'awtorizzazzjoni biex jibda l-proċess tal-*migration.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja li n-numri li ser jiġu *migrated* u ħa jitneħħew min mal-GO plc huma dawk relatati mal-PABX biss.

**REF: 37.3.3 Kommunikazzjoni – PA 9958/18 Demolition of Exisiting Public Convenience; Works Order 110/2021.**
Is-Sindku nfurmat li tender għadu qed jinħadem mil-Perit tal-Kunsill, u dwar l-approvazzjoni tal-*canopy* il-Perit tal-Kunsill qed jistenna risposta mil-Planning Authority.

Is-Sindku nfurmat li ma jistax jkun li l-Kunsill qed jibqa' jiġri wara l-Perit tal-Kunsill, dan id-dewmien mhux aċċettabbli u jekk hemm bżonn jibdew jinħarġu d-*default notices*.

Fis 6:12pm daħal għal-laqgħa l-Viċi Sindku.

**REF: 37.4.4 Magazine tal-Kunsill**
Il-Kunsillier Deguara nforma li d-*deadline* għal-Kunsilliera biex jibgħatu l-kitba tagħhom huwa sa dan il-*weekend,* għax ma jistax jibqa' jestendi aktar.

**REF: 37.4.5 CCTV Pjazza**
Is-Sindku nfurmat li l-G4S fadlilhom jgħaddu s-*supply*, jinstallaw kaxxa ma l-arblu IP67 kompluta b-DB Box, RCCB, MCB 10 Amp u *double gang socket*, kif wkoll hemm is-*supply* u installazzjoni ta' *earth electrode*. Dan Ix-xogħol inkluż l-installazzjoni huwa ta' €1,476.78 eskluż VAT, u ħa jagħmluh il-G4S li huma l-kumpanija mqabbda mir-reġjun.

Wara li jitlesta dan ix-xogħol, il-Kunsill jrid japplika għad-dawl, u għal internet, mbagħad issir is-*setup* u l-konfigurazzjoni.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-kwotazzjoni ta' €1,476.78 eskluż VAT.

**REF: 37.4.7 Walking Club**
Is-Sindku nfurmat li l-mixja tal-*fun run* kienet waħda tajba, u forsi tista' tkun parti min mixja tal-*walking club.* Il-Kunsillier Zerafa nforma li għalkemm kienet rotta tajba għal-*fun run*, mhijiex rotta idejali għal-*walking club,* għax il-*fun run* hija mixja nazzjonali li ssir fit-toroq ta' Malta u Għawdex. Il-Kunsillier Zerafa nforma li qed jippjana biex il-mixjiet tal-*walking club* jibdew f'Jannar wara l-festi.

**REF: 37.4.8 PAMA**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ma rċevejna l-ebda risposta wara li ntbagħtet l-ittra legali. Il-membri preżenti talbu biex kopja ta' l-ittra tintbagħat lil-Planning Authority, u nistaqsu l-avukat jekk il-PAMA għandux żmien sakemm jista' jirrispondi. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li iva jekk tiftakar sew kopja ta' l-ittra legali ntbagħtet lil-Planning Authority, u ħa tikkonferma.

Fis 7:25pm daħlet għal-laqgħa l-Kunsilliera R. Abela.

Il-Kunsillier Cassar nforma li mportanti wkoll li l-PAMA jżommu mal-BOQ's ta' meta sar il-kuntratt u mhux jiġu b'xi rati ġodda, issa li għadda z-żmien.
**REF: 37.4.9 Outdoor Gym**

Is-Sindku nfurmat li l-*pots* ġew ordnati, u talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tfakkar lil-kuntrattur tal-Parks and Gardens, jekk tqabbadx is-sistema ta' irrigazzjoni, u li jkun żgur li kif jaslu l-*pots* il-pjanti jkunu *in-stock.*

**REF: 37.4.12 Main Street**
Is-Sindku nfurmat li Main Street kienet ser tidher li ħa tinżebaħ, u l-Viċi ċempel lil Sur Vella min Infrastructure Malta biex jżomm ix-xogħolijiet u ltaqaw fuq is-sit il-bieraħ, fejn tkellmu fuq kif għanda ssir iż-żebgħa peress li ser jduru xi toroq.

Saret diskussjoni dwar iż-żebgħa tal-parkeġġi fejn ser jibqa' kif inhu direzzjoni bil-kontra, kif wkoll dwar il-ħruġ u dħul tat-toroq. Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm problema fi triq il-Ġnejna fejn jekk ħa tibqa tidħol imbagħad ma tkunx tista' iddur. Is-Sindku nfurmat li din tista' tiġi diskussa waqt it-Traffic Management Committee.

Tkompliet id-diskussjoni dwar kif ser jitkomplew ix-xogħolijiet, il-parkeġġi, ħruġ u dħul tat-toroq, kif wkoll xogħol li ser jkun temporanju. It-Traffic Management Committee ser jiltaqa' dwar ix-xogħolijiet ta' Main Street, kif wkoll li għandhom jiffissaw data biex jiltaqgħu ma Infrastructure Malta.

Fis 6:45pm daħal għal-laqgħa l-Kunsillier Micallef.

**REF: 37.4.17 Vjal Qalbiena Mostin**
Is-Sindku nfurmat li għad trid t'iltaqa' mas-Sur Lawrence Darmanin.

**REF: 37.4.14 Triq Durumblat u Triq il-Mitħna**
Is-Sindku nfurmat li dwar triq Durumblat u triq il-Mitħna għad m'għandiex *update.* Il-Kunsillier Cassar nforma li għad m'għanda xejn bil-miktub dwar triq Durmblat u kellna nirċievu l-pjanti *revised* tar-*roundabout*, u risposta jekk il-*crossing over* hux ħa tibqa, kif wkoll jekk hux ħa jitneħħew il-*layby's.*

Il-Kunsillier Cassar nforma li hemm il-problema ta' Tower Street jekk ser jagħmlu linja sħiħa kolla *bollards*, u jidher li Infrastructure Malta qed jżommu mal-pjan oriġinali u din mhux aċċettabbli għal Kunsill.

**REF: 37.4.18 Public Consultation Tarġa Gap, Żokkrija**
Is-Sindku nfurmat li flimkien mal-Kunsillier Deguara ltaqaw ma bosta residenti u ġew *minuted* il-kummenti li ngħataw mir-residenti. Is-Sindku spjegat li triq Baqqunier trid tiġi bil-kontra għax kien ser jispiċċa l-aċċess għaz-zona, u triq in-Naġġar il-parkeġġ fil-parti ta' fuq huwa bil-permess. Il-Kunsillier Cassar spjega li fi triq in-Naġġar il-ħruġ tagħha, li mhix fil-pjanta, hija l-parti ta' isfel li l-parkeġġ huwa l-legali. Is-Sindku żiedet li triq in-Naġġar ir-residenti talbu li tkun *one-way.*
Is-Sindku spjegat wkoll li nformaw lir-residenti li Infrastructure Malta mhux ħa jawtorizzaw li toħroġ min tal-Qares. Is-Sindku spjegat lil-membri preżenti li l-kummenti tar-residenti issa ħa jittellgħu fit-*traffic managment committee.*

**REF: 33.3.6 Kommunikazzjoni – Bidnija Bridge condition report**
Is-Sindku staqsiet jekk il-perit tal-Kunsill ipprovdiex l-*condition report.* Il-Viċi nforma l-perit tal-Kunsill għadu m'għamilx appuntament ma l-Inġinier, u lanqas fuq il-ħajt tas-sejjieħ ta' Durumblat, u lanqas ġie jiċċekkja l-uffiċini tal-Kunsill meta daħal l-ilma.

Il-Perit tal-Kunsill għandu jinforma lil-Kunsill jekk huma mħabbtin, għax ix-xogħol tiegħu qed jkompli jaqa lura.

**REF: 35.3.4 Quote for Illuminated Bollards in Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Dawl tal-Pont**
Is-Sindku nfurmat li talbet lid-DLG jekk il-fond ta' €60,000, jistax jintuża biex jinbidlu l-*illuminated bollards*, fejn kienu nformawna li le, però s-Sindku reġgħet għamlet talba lid-dipartiment biex il-fondi jmorru għal-*security officer* wara l-aħħar żviluppi li kien hemm fil-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Id-Dipartiment talbu lil-Kunsill biex nipprovdu dettalji ta' x'ser jagħmel il-Kunsill kif wkoll kwotazzjonijiet ta' *security officers.*

Saret diskussjoni dwar il-possibbiltà li jingħalaq b'xi *fence* jew *gate* il-bandli tat-tfal, u l-possibbiltà li nitkellmu mal-kapijiet ta' l-MCAST.

Rigward il-fanali li-ġew kwotati mil-MICAMED dawn diġà qegħdin fil-BOQ, u għalhekk nistgħu mmexxu bl-ordni tagħhom, però xorta din il-kwotazzjoni ħa tintbagħat wkoll lid-dipartiment, għal-kunsiderazzjoni tagħhom.

Fis 7:10pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 40.3.1 Kommunikazzjoni mis-Sindku - President elett Reġjun Tramuntana. F'dan il-ħin daħal għal-laqgħa is-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov.

**Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 39**
**REF: 39.3.5 – Kommunikazzjoni – Proposed Works at Triq l-Istiratur**
Is-Sindku nfurmat li l-proposta li jitranġa l-*water culvert* eżistenti u jiġi mibni *gutter* kienet aċċettata, imma dak in-nhar il-Kunsillier Cassar kien ressaq talba dwar triq it-Tabib Chetcuti k/m triq 9 t'April fejn hemm problema simili.

Is-Sindku nfurmat li ltaqet *on-site* mad-dipartiment tal-Works, fejn ġiet nfurmata li s-sistema fi triq it-Tabib Chetcuti k/m triq 9 t'April m'għandiex x'taqsam ma dik ta' triq l-Istiratur, fejn is-sistema hija ta' *storm water culvert* u sar studju fejn ħa jipprovdi l-pjanti ta' kif kienu proposti biex titressaq il-Kunsill għad-diskussjoni.

Is-Sindku nfurmat li kif tirċievi l-pjanti, ħa tressaqhom *traffic management committee,* imbagħad jittellgħu Kunsill.

Fis 7:30pm saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 40.5.1 Mosta Community Park fi Triq il-Mitħna

Fit 8:05pm il-Kunsillier Camilleri talab li jkun skużat mil-laqgħa.

**REF: 39.3.6 – Kommunikazzjoni – Xogħolijiet mil-Kuntrattur Elles.**
Il-Kunsillier Cassar staqsa dwar il-kontijiet pendenti ta' Giovann. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-perit tal-Kunsill ċċertifika xi xogħol u għalhekk issa fadal li Giovann jipprovdi l-*invoice*. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tara x'fadal ħalli tkun tista' tressaqhom lil-Kunsill, biex dawn jiġu ċċekkjati u mgħoddija mil-Kunsill la l-perit tal-Kunsill qed jdum biex jiċċertifika x-xogħol.

Il-membri preżenti unanimament approvaw il-minuti tal-laqgħa numru 38 u 39.

**40.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza**

**40.3.1 Kommunikazzjoni - President elett Reġjun Tramuntana**

Is-Sindku preżentat lis-Sur Clifford Galea Vella Maslennikov li ġie elett bħala l-President il-ġdid min Jannar 2022.

Is-Sur Galea Vella Maslennikov irringrazzja lil Kunsill talli laqgħa t-talba tiegħu biex jintroduċi ruħu mal-membri tal-Kunsill, u nforma li qed jiltaqa' mal-Kunsilli tar-reġjun biex jieħu s-suġġerimenti tal-Kunsilli.

Is-sur Galea Vella Maslennikov għamel introduzzjoni dwar il-ħidma bejn il-Kunsilli u r-reġjun, u sema ir-rakkomandazzjonijiet u suġġerimenti tal-membri preżenti.

**40.3.2 Kommunikazzjoni - Bring-In-Sites**

Is-Sindku nfurmat li ġejna nfurmati mil-ERA li skont l-avviż legali 146 ta' 2021 jistipula li kull Kunsill għandu jalloka *recycling point* għal kull 2000 abitant. Għalhekk bħala Mosta jrid jkollna 10 *recycling points,* għax m'aħniex konformi mal-liġi.

Saret diskussjoni u l-Kunsilliera ma qablux li jkun hemm 10 *recycling points,* u s-Sindku nfurmat li tippreferi jkun hemm per eżempju żewġ settijiet jew tlieta ta' *bins* f'*recycling point* waħda, kif wkoll nfurmat lil membri preżenti li dawn ser jkunu *monitored* mil-LESA.
Tkompliet id-diskussjoni u ġew ssuġġeriti żewġ postijiet, *point* triq il-Fortizza u *point* oħra fid-daħla ta' l-MCAST fejn hemm il-parkeġġ.

Is-Sindku nfurmat li din il-materja ħa ttelaħħa waqt il-laqgħa tar-reġjun.

**40.3.3 Kommunikazzjoni- Fire Alarm Mosta HC/Local Council**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ġiet avviċinata mil-*health and safety officer* tal-Primary Health, biex fil blokka taċ-ċentru ċiviku jkun hemm sistema ta' *fire alarm* waħda għal kulħadd, għax jekk jinqala każ ta' ħruq, l-uffiċini li jinsabu f'livelli differenti ma jkunux notifikati li hemm in-nar.

Is-Segretarju Eżekuttiv iċċirkolat mal-membri preżenti l-kwotazzjoni ta' €2,894.07 eskluż VAT.

Il-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li fil-verità *sounder* biss hemm bżonn u jiżdiedu l-*call points* għax jidher li huma ftit il-*call points* li hemm kwotati.
Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lil-Kunsillier Cassar jekk tistax tgħaddilu l-email, biex jkun jista' jitkellem mas-*supplier* u mal-*health and safety officer* tal-Primary Health dwar l-bżonnijiet tal-Kunsill.

**40.3.4 Kommunikazzjoni – Għajnuna għal Tiżjin tal-Milied fil-lokalità**

Is-Sindku qrat l-ittra mil-MTA u nfurmat li rċevejna €5,000 bħala għajnuna finanzjarja li qed tingħata lil Kunsilli Lokali, biex jsir tiżjin tal-Milied fil-lokalità.

**40.3.5 Kommunikazzjoni – Procedura fuq no objections re abseiling/zipline**

Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li kellha laqgħa mal-Assistent Kummissarju Mallia, Supretendent Caruana, l-Ispettur Scerri u s-Surġent Vella, fejn ġejna nfurmati li fejn jidħlu *no objections*/permessi għal-attivitajiet fejn qed jintuża *stage* jew *equipment*, l-organizzatur jrid jkollu polza ta' l-assikurazzjoni. Filwaqt attivitajiet ta' *abseiling* jew *zipline,* l-organizzaturi

jridu jfornu polza ta' l-assikurazzjoni, *survey* u jiġi ċċertifikat il-post kif wkoll l-*equipment* li jkun ser jintuża, u jkollhom staff mediku, u ambulanza.

Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid li kull *no objection* u/jew permessi jintalbu dokumentazzjoni skont l-avveniment li jsir.
Saret diskussjoni u l-Kunsillier Cassar talab biex nistaqsu lil-Pulizija liema hi l-*legal notice* li tillegalizza dawn il-proċeduri.

**40.3.6 Kommunikazzjoni – Cleaning of Ġnien Għarusa tal-Mosta**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li l-kuntrattur tal-knis li qed jieħu ħsieb it-tindif tal-ġnien l-Għarusa tal-Mosta, li bħala spejjez mhux qed jkopri ix-xogħol li-qed jsir fil-ġnien. Ix-xogħol li hemm fil-ġnien huwa differenti min tal-knis mod speċjalment fejn jidħol rimi ta' skart li jinġabar mil-ġnien, u għalhekk talab żieda ta' €1.26 fis-siegħa fil-ġurnata biex jkopru l-ispejjeż.

Saret diskussjoni u l-Viċi nforma li l-kuntratt mhuwiex relatat ma kemm jiġbor u jarmi boroż taż-żibel. Saret diskussjoni u l-membri preżenti talbu lis-Segretarju Eżekuttiv biex titlob parir mid-Dipartiment, kif wkoll li biex jiġi ċċekkjat jekk l-addendum jistax jiġi *updated,* u jekk iva din iż-żieda tkun *in vigore* sat-terminu tal-kuntratt.

Fit 8:40pm il-Kunsilliera Bonnici talab biex tkun skużata mil-laqgħa.

**40.3.7 Kommunikazzjoni – Petizzjoni fi Triq Sant Anna**
Is-Sindku nfurmat lil-membri preżenti li rċevejna petizzjoni min-residenti ta' triq Sant Anna, fejn talbu lil-Kunsill biex id-direzzjoni tat-traffiku li ġew implimentati f'April jibqgħu fis-seħħ b'mod permanenti. Is-Sindku nfurmat li ħa ttella din il-petizzjoni waqt it-*traffic management committee.*

Fit-8:45 il-membri preżenti unanimament qablu biex il-ħin tal-laqgħa jiżdied b'nofs siegħa, sad-9:30pm.

**40.3.8 Kommunikazzjoni – Applikazzjoni biex jinħareġ permess għal impjieg skala 16**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat lil membri preżenti li s-Dipartiment infurmana li mhux qed jinħarġu permessi bi grad ta' assistent skrivan fi skala 16, minflok il grad jrid jkun Council Assistant, għalhekk is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li ħa terġa tibgħat l-applikazzjoni bil-grad ta' Council Assistant.

**40.3.9 Kommunikazzjoni – Change in Traffic Diversion Consultation meeting**
Il-Kunsillier Cassar nforma lil membri preżenti li rċevejna email mil-SME Chamber biex ssir laqgħa ta' konsultazzjoni dwar il-bdil tat-traffiku.

**40.3.10 Kommunikazzjoni – Bandli Żokkrija Trenching**
Is-Sindku nfurmat li fejn qed jsiru l-bandli taż-Żokkrija, jrid jsir *trenching* biex titranġa s-sistema tad-dawl. Il-kwotazzjoni għal dawn ix-xogħolijiet, li jinkludi *trenching,* mili bil-konkret u *paving blocks* tammonta għal €15,842.40 inkluż VAT. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tiċċekkja li r-rata taqbel mal-BOQ tat-tender.

**40.3.11 Kommunikazzjoni – Villaġġ tal-Milied fil-Mosta**

Is-Sindku nfurmat li bħas-snin ta' qabel ser ssir laqgħa mal-parroċċa biex jitħejja Villaġġ tal-Milied mil-Kunsill bil-kollaborazzjoni mal-parroċċa nhar it-18 u 19 ta' Diċembru. Biex jitella l-villaġġ tal-Milied ħa jiswa 1,000 Ewro.
Il-membri preżenti unanimament approvaw l-ammont ta' 1,000 Ewro.

Fit-8:40 saret sospensjoni ta' l-aġenda biex ngħaddu għal *item* 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

**40.3.12 Kommunikazzjoni – Kompetizzjoni L-Isbaħ Faċċata**
Is-Sindku nfurmat li tixtieq toħloq kompetizzjoni ta' l-isbaħ faċċata bit-tiżjin tal-Milied.

**40.3.13 Kommunikazzjoni – Open Day**
Is-Sindku nfurmat li tixtieq terġa torganizza *open day* fuq erba' t'ijiem għal ġbir ta' boroż, u biex jinbiegħu il-*cup cakes* fejn il-qligħ jmur kollu għal-Istrina. Jekk ma jirnexxilniex nġiebu aktar boroż għat-tqassim, jsir bejgħ ta' *cup cakes,* u ħa tipprova iġġib *entertainment* b'xejn.
Il-membri preżenti approvaw ix-xiri ta' *cup cakes.*

**40.3.14 Kommunikazzjoni – Zona bis-Siġar fi Vjal Ragusa.**
Is-Sindku nfurmat li hemm zona mitluqa fi Vjal Ragusa, u parti żgħira minnha hija ta' terzi, il-bqija hija art tal-Gvern. Is-Sindku talbet lil-membri preżenti biex din titnaddaf. Il-Kunsillier Cassar nforma li għaddejjin diskussjonijiet fuq din l-art, biex art tal-knisja f'post ieħor u din l-art jitpartu, u għalhekk issuġġerixxa biex ma jsir xejn għax hemm proġett ippjanat biex Santa Margerita jkollha il-*pastoral centre* tagħha.
Is-Sindku nfurmat li kull ma qed titlob huwa li titnaddaf, il-membri preżenti qablu li tintalab kwotazzjoni għat-tindif.

**40.3.15 Kommunikazzjoni – Fondi Reġjonali**
Is-Sindku nfurmat li fondi reġjonali biex jinħaraq in-nar min fuq il-bjut għall-ewwel tas-sena, hija ta' €600 lil kull każin. Każin Santa Marija u każin 15 t'Awissu.

**40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**40.4.1 – Xogħolijiet fi triq il-Bażilika**
Il-Viċi Sindku nforma li l-avukat li qed jagħmel il-*culvert* fi triq il-Bażilika, dan għamel il-bankina fejn m'għamilhiex tajba, u ntbatulu żewġ ittri, fejn qed jgħid li l-ittri ma waslulux, u l-*handyman* tal-Kunsill ikkonferma li mpustom fil-*letter box* tiegħu.
L-avukat li huwa sid il-post fejn qed jsiru x-xogħolijiet ikkonferma li ser jagħmel il-bankina, u ħa jibdilha kollha.
Il-Viċi wera ritratt tal-kurduna li-bagħtlu l-avukat għax ma sabx kulur li jaqbel. Il-Viċi nforma wkoll li l-avukat jixtieq jagħmel il-brilli bħal ma kien hemm qabel.

Il-membri preżenti approvaw l-kulur tal-kurduna għax din maż-żmien ħa titħammeġ u probabbli l-kulur maż-żmien joqrob mal-kulur tal-kurduna li diġà hemm, kif wkoll approvaw li jagħmel il-brilli wkoll, basta jżomm ma l-istess disinn u ma jostakolax fejn jsir l-armar tal-festa.

Il-Viċi nforma wkoll li l-avukat talab biex il-bozza tat-triq teħel mal-faċċata fejn hemm Joe tal-ħaxix għax id-dawl jagħti għal kamra tas-sodda.

**40.4.2 – Paving Blocks Main Street**

Il-Viċi Sindku nforma li tkellem mal-Perit ta' Infrastructure Malta biex jagħtina l-istima malajr kemm jista' jkun, għax jridu jiftħu t-triq ħmistax oħra.

**40.4.3 – Xogħolijiet mal-lift taċ-Ċentru Ċiviku**
Il-Viċi Sindku nforma li qed jistenna mingħand il-kuntrattur tal-Parks and Gardens biex jagħtih id-dati biex nibdew ix-xogħolijiet ta' fejn il-lift taċ-Ċentru Ċiviku.

**40.4.4 – Triq l-Isperanza**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li hemm problema fi triq l-Isperanza k/m triq Nicolo Isouard, għax qegħda *two-way* u mhux l-ewwel darba jkun ser jkun hemm aċċident. Il-Kunsillier Cassar nforma li l-parkeġġ jrid jkun fuq naħa waħda, għax il-parkeġġ qiegħed fuq iż-żewġ naħat tat-triq.

**40.4.5 – Triq il-Lunzjata**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li meta intefa t-tarmak biex tissewwa toqba, m'għaddewiex bir-roler.

**40.4.6 – Skart tar-reċiklaġġ**
Il-Kunsillier Zerafa nforma li l-iskart tar-reċiklaġġ illum nġabar f'xi 1:15pm. Is-Sindku nfurmat li tkellmet mal-kuntrattur l-ġdid biex jitkellem mal-ħwienet, apparti min hekk il-ġimgħa jkun hemm tlett trakkijiet, imma l-problema li għandna hija li l-ħwienet suppost għandhom il-kuntrattur tagħhom, u min m'għandux qed jużaw l-istess trakk li jagħmel il-ġbir tar-residenti, u t-trakk qed jimtela malajr għax il-ħwienet jkollhom ħafna kaxxi.

**40.4.7 – Bankina fejn il-LIDL**
Il-Kunsilliera R. Abela resqet talba min residenti biex issir bankina fejn il-LIDL. Is-Sindku nfurmat li hemm bankina, imma n-naħa ta' Adore More fejn m'hemmx.

**40.4.8 – Bring-In-Sites**
Il-Kunsillier Micallef nforma li l-Bring-In-Sites ta' San Gwann qegħdin taħt l-art, u s-Sindku nfurmat li kienet ipproponiet li jsiru taħt l-art waqt laqgħa tar-reġjun biex nieħdu fondi reġjonali imma ma rbaħniex dawn il-fondi.

Il-Kunsillier Micallef issuġġerixxa li tittieħed art pubblika fejn parti minnha ssir bi Bring-In-Sites taħt l-art.

**40.4.9 – Pottery Sessions għat-Tfal u Kors tal-Food Handlers**
Il-Kunsillier Micallef nforma li għaż-żmien tal-Milied xtaq jorganizza żewġ sessjonijiet ta' *pottery* għat tfal. Il-Kunsillier Micallef nforma li tkellem mal-kumpanija Alka Ceramics fejn jagħmlu dawn il-klassijiet, u jaċċettaw sa massimu ta' 30 tifel/tifla, però jrid jara eżatt minħabba l-COVID kemm jistgħu jaċċettaw tfal kull klassi.

Il-Kunsillier Micallef nforma li kull klassi tiswa €5 kull persuna, u għalhekk żewġ sessjonijiet jiġu jiswew €10 kull persuna. Il-Kunsillier Micallef talab lil membri preżenti approvazzjoni biex il-Kunsill joħroġ 50% ta' l-ispejjeż, billi l-istudenti jħallsu €5 bħala *committment fee* għal l-ewwel lezzjoni, u t-tieni lezzjoni ta' €5 titħallas mil-Kunsill.

Il-membri preżenti approvaw li titħallas it-tieni parti tal-kors, ta' €5 kull persuna li tattendi.

Is-Sindku talbet biex nikkuntattjaw lil-Jobs Plus biex jerġa jiġi organizzat il-kors tal-*food handlers.*

**40.4.10 – One-Ways**
Il-Kunsillier Farrugia staqsa jekk jistgħux jinqalgħu il-boroż min fuq it-tabelli tal-*one ways* li huma mgħottijin. Is-Sindku nfurmat li jista' jkun għadhom ma nqalgħux minħabba d-*diversions.* Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tavża lil-*handyman* tal-Kunsill, biex tabelli li mhux qegħdin tajbin fi triq il-Kungress Ewkaristiku, u qegħdin *one-way,* jinqalgħu bħal ma hemm triq Callus k/m triq il-Kungress Ewkaristiku.

**40.4.11 – Ittra**
Il-Kunsillier Deguara nforma li ħuh kien mposta ittra dwar rikonoxximent fil-*letter box* tal-Kunsill u din qatt ma ttellet Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja.

**40.4.12 – Madonna mal-ħajt tal Fortizza**
Il-Kunsillier Deguara nforma li hemm statwa tal-Madonna fil-wied u din qegħda bla dawl. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota biex tiċċekkja għax din tixgħel min naħa tal-AFM.

**40.4.13 – Triq ix-Xitwa**
Il-Kunsillier Deguara nforma li hemm bżonn jsir *patching* fi triq ix-Xitwa.

**40.4.14 – Proġetti Parkour u Public Convenience**
Il-Kunsillier Cassar talab *updates* dwar il-Parkour, *public convenience,*

Is-Sindku nfurmat li ħa ssir laqgħa *on-site* flimkien mal-Perit, is-*supplier* u z-żagħżagħ tal-Parkour. Dwar il-*public convenience* għad qed nistennew *update* mil-Perit tal-Kunsill.

**40.4.15 – Culvert f'Main Street**
Il-Kunsillier Cassar nforma li l-*culvert* li sar f'Main Street jidher li huwa baxx ħafna, u għalhekk staqsa jekk għandhiex approvazzjoni dwar il-*culvert* ta' triq il-Ġnejna, biex jsir bl-istess mod. Is-Sindku ħadet nota u nfurmat li triq Tumas Dingli ħa jsir il-*culvert* u għalhekk hemmhekk ħa titranġa l-problema ta' l-għarar.

**40.4.16 – Tender Proġetti**
Il-Kunsillier Cassar staqsa jekk sarx it-tender biex jsiru il-proġetti li mhux qed jlaħħaq jagħmel l-Elles. Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li għadu ma sarx, u l-Kunsillier Cassar issuġġerixxa li sakemm il-kuntrattur ta' l-Elles, lest li jkompli jaħdem u kif spjegat wkoll is-Sindku għanda ssir laqgħa miegħu fuq ix-xogħol pendenti, għanda nkomplu naħdmu bil-kuntratt li diġà għandu l-Kunsill mal-kuntrattur.

**40.4.17 – Triq Bonnijiet**
Il-Kunsillier Cassar talab *update* dwar triq il-Bonnijiet. Is-Sindku nfurmat li din it-triq ħa ssir kollha min Infrastructure Malta, u l-Kunsillier Cassar fakkar biex il-fondi nużawhom post ieħor ħalli ma jintilfux. Is-Sindku ħadet nota biex ittelaħħa fil-laqgħa tar-reġjun li jmiss.

**40.5 Rapporti**

**40.5.1 Mosta Community Park fi Triq il-Mitħna**
Il-Perit Johanna Portelli u l-Perit Giorgia Favata mil Wasteserv preżentaw fuq l-iskrin il-proġett tal Mosta Community Park fi Triq il-Mitħna, li qed tiġi annessa bħala appendiċi A.

Wara l-preżentazzjoni mil-Perit Portelli, saret diskussjoni u l-Viċi Sindku nforma li min triq il-Mitħna jinżel ħafna ilma, u li l-ġibjun li qed jinbena f'dan il-ġnien, li jesgħa madwar 300 kubu mhux biżżejjed. Kif wkoll jekk dan il-ġnien ser jingħata lil-Kunsill biex jieħu ħsiebu, hemm l-ispejjeż tal-manteniment, imma mod speċjalment ħa jintefqu flus kbar għat tisqija, u għalhekk ġie mitlub lil-Periti tal-Wasteserv biex tiġi milqugħa t-talba li jsir ġibjun akbar, min dak li huwa maħsub.
Il-Viċi Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħatlu l-email li rċevejna mil-Wasterserv biex jikteb lura u jagħti l-*feedback* tal-Kunsill.

**40.5.2 Update - Development Funds as at 23.11.2021**
*Update* tal-lista tad-*Development Funds*, ingħatat lil-Kunsilliera fil-*folder* mad-dokumenti tal-laqgħa.

**40.5.3 - Update -Ingaġġ ta' Executive Officer fi Skala 13**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li wara li ħarġet l-approvazzjoni mid-DLG, il-*vacancy* ħarġet internament bejn il-Kunsill tagħna stess u d-*deadline* hija id-29 ta' Novembru, jekk ma japplika ħadt, wara din id-data tintbagħat interna bejn il-Kunsilli u Reġjuni.

**40.5.4 – Update Skema 2021-22 biex isir ingaġġ ta' uffiċċjal tal-komunita' 'Steward' għat-trattament xieraq tal-annimali biex jaħdem fil-lokalitajiet f'Malta u Għawdex**
Is-Segretarju Eżekuttiv nfurmat li saru l-*interviews* u ntgħażel lis-Steward għat-trattament xieraq tal-annimali, fejn ħa ssir bidla fl-applikazzjoni min *part-time* għal *full-time*. Id-Dipartiment dejjem ried li dan ir-rwol jkun *full-time*, u wara li sar rendikont tax-xogħol li diġà jsir fil-lokalità, fejn uħud mix-xogħol jsir tard filgħaxija bħat-*trapping*, ġie deċiż li r-rwol jkun wieħed *full-time.*

Il-membri preżenti approvaw ir-rwol ta' Steward li jkun wieħed *full-time.*

**40.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**40.6.1 Skeda ta Pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill, l-iskeda ta' pagamenti numru 122.
Il-membri tal-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' pagamenti datata 29 ta' Ottubru sat-23 ta' Novembru 2021.

**40.6.2 Purchase Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-purchase orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**40.6.3 Works Orders**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-works orders.
Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**40.6.4 Petty Cash**
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-lista tal-*petty cash.*

Il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu il-lista tal-*petty cash* li tkopri xahar ta' Ottubru 2021. Il-membri tal-Kunsill approvaw unanimament.

**40.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 ta' filgħaxija, u ġiet aġġornata għal-15 ta' Diċembru 2021 fis-6:00pm.

Konfermati llum 23 ta' Novembru 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Romilda B. Zarb | Lorraine Templeman |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |